# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 228/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jomic Calleja Maatouk**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jomic Calleja Maatouk**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 565185(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Ġunju 2018 għal ħabta ta' 21.10hrs fi triq Ħal-Qormi, Marsa:

1. uża, giegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenzja;

3. għamel użu minn pjanċi 'trial run' u kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqhom, meta dawn ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar;

4. kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt ir-responsabilita' tiegħu, vettura li ma ġietx rreġistrata ma l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba illi l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 3 u 36(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2500) pagabbli f'għoxrin pagamenti mensili ugwali *ai termini* ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar u tmint (8) ijiem u mponiet disa' (9) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta fit-3 ta' Mejju 2022, għar-raġunijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta u fin-nuqqas tagħti piena aktar ekwa, ġusta u miti fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li fid-29 ta' Ġunju 2018 waqt li PC 1189 J. Falzon u PS 918 C. Azzopardi kienu waqt ronda viċin Triq Ħal-Qormi fil-Marsa huma nnutaw vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliż YG06 PHV. Huma komplew mexjin wara din il-vettura u sadanittant ġie konfermat lill-istess Pulizija li kemm il-liċenzja Ingliża kif ukoll l-assigurazzjoni Ingliża kienu skaduti. B'hekk il-vettura in kwistjoni ġiet imwaqqfa fi Triq l-Imdina fid-direzzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ. Minn verifiki li għamlu fuq il-post, il-Pulizija raw li l-vettura ma kellhiex liċenzja temporanja u lanqas pjanċi mwaħħlin. F'dan il-mument l-appellant li kien qed isuq il-vettura ħareġ tabella tat-*trial run* u fi kliem il-Pulizija huwa spjega li bħala *dealer* ma setax ikollu liċenzja iżda huwa qal li kellu assigurazzjoni ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa fuq il-pjanċa tat-*trial run*.

Illi fl-affidavit tiegħu **PS 918 C. Azzopardi** (*a fol* 4 *et seq.*) jikkonferma li dik il-ġurnata kienet festa u għalhekk l-pjanċa *trial run* ma kinitx effettiva. Wara li saret tfittxija fuq il-vettura u fuq il-persuni li kien hemm fil-vettura ma nstab xejn irregolari. Fil-frattemp marru rappreżentanti tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li ddokumentaw il-vettura permezz ta' ritratti u wara l-vettura ġiet irmunkata mill-Awtorita' msemmija.

Illi qabel il-Qorti tibda bl-istħarriġ tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tfakkar li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet

tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija nieqsa minn kull motivazzjoni. Għal dan l-aggravju l-Avukat Ġenerali jwieġeb li t-talba mressqa mill-appellant mhijiex waħda ċara. L-Avukat Ġenerali jispjega li s-sentenza appellata kienet imsejsa fuq l-affidavits tal-Pulizija b'dana illi fir-rigward tal-provi l-oħra ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma kkunsidrathomx. L-Avukat Ġenerali jisħaq li strettament l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn issemmi aktar u li kien hemm biżżejjed provi sabiex raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi dwar il-kjarezza tat-talba marbuta ma' l-ewwel aggravju magħmula mill-appellant, din il-Qorti tinnota li għalkemm jidher ċar li hemm parti nieqsa, hija tifhem li din it-talba trid tinqara fil-kuntest ta' dak imsemmi f'dan l-aggravju u għalhekk fil-fehma ta'

din il-Qorti dak li qed jitlob l-appellant permezz ta' dan l-aggravju jirrizulta b'mod ċar fis-sens li dan l-aggravju jorbot mal-motivazzjoni tas-sentenza appellata.

Illi riferenza sejra issir għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabrizio Lambelet** (Numru 102/2022) ingħad hekk:

> "Din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma tinneċessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Maġistrat jew inkella li din tkun waħda motivata. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Albert Bezzina**[1] intqal:
>
> [...]
>
> Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi sabitu ħati tal-akkużi kollha salv it-tieni akkuża però filwaqt li fis-sentenza mogħtija fil-verbal hemm liberazzjoni mit-tieni akkuża fis-sentenza dattilografata ma hemmx referenza għat-tieni akkuża u għalhekk la ġie misjub ħati tagħha u lanqas ma ġie liberat minnha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994.

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in eżami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. <u>In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza</u> u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha." [emfażi miżjuda]

Illi applikat dak li ngħad hawn fuq għal każ odjern u minn analiżi tas-sentenza appellata, li minkejja li ma ntilfitx f'xi motivazzjoni voluminuża pero' hija xorta spjegat x'kienet il-bażi tad-deċiżjoni tagħha, isegwi li l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> mressaq mill-appellant jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni u jilmenta li fid-data li fiha huwa ġie mwaqqaf mill-Pulizija huwa kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Minn naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali jargumenta li peress li l-ġurnata li twaqqaf fiha l-appellant kienet festa pubblika, il-pjanċa *trial run* ma kinitx applikabbli. L-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li l-pjanċa *trial run* ma tistax tintuża sabiex il-vettura jsir użu personali minnha.

Illi din il-Qorti tinnota li fl-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant ġie mixli li saq vettura mingħajr ma kien kopert minn polza tal-assigurazzjoni. F'dan ir-rigward l-appellant jirreferi għal polza tal-assigurazzjoni li ġiet ippreżentata minnu (Dok. "JC 1" – *a fol.* 38). Din il-Qorti tinnota li f'dan id-dokument hemm miktub li l-

persuni msemmija huma koperti sakemm *"the person driving holds a licence to drive the Motor Vehicle or has held and is not disqualified from holding such a licence. The term "licence" means a [...] or other permit required by the licensing or other laws or regulations."* Din il-Qorti tinnota li dan il-kliem huwa miftuħ ferm u r-rekwiżit tal-pjanċa jaqa' żgur fil-parametri ta' dak li sar riferenza għalih u konsegwentement ta' din l-esklużjoni.

Illi tabilħaqq filwaqt li Regolament 36(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Pjanċi '*Trial Run*' ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar",

Regolament 36(7) ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jgħid hekk:

> "Pjanċi '*Trial Run*' ma għandhomx jintużaw fil-Ħdud jew festi pubbliċi jekk mhux awtorizzati b'mod speċjali mill-Awtorita'."

Illi stante li meta twaqqaf l-appellant kienet festa pubblika huwa kien qed jikser il-kundizzjonijiet marbuta mal-pjanċa tat-*trial run*. Għalhekk, l-appellant kien qed isuq mingħajr pjanċa valida li jfisser li kienet tapplika l-esklużjoni li kien hemm fil-polza tal-assigurazzjoni bil-konsegwenza li hu ma kienx kopert mill-assigurazzjoni li hemm fl-atti proċesswali. Għaldaqstant kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant u b'hekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni u hu jilmenta li huwa kellu pjanċa ta' *trial run* per konsegwenza huwa kellu kull dritt idur bil-vettura. Jgħid ukoll li l-vettura kienet liċenzjata. Dwar dan l-aggravju l-Avukat Ġenerali jirreferi għal dak li jistabbilixxi Regolament 36(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għal dak li qal PS

918 C. Azzopardi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 4 *et seq.*) meta jsemmi li l-pjanċi tat-*trial run* ma kinux imwaħħlin.

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-argumenti mressqa mill-Avukat Ġenerali. Magħdud ma' dan, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza u tapplikah għal dan l-aggravju minn liema jsegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta wkoll meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk anke t-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni. L-appellant jilmenta li r-rappreżentanti tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta rrilaxxaw il-vettura u fl-ittra tar-rilaxx hemm indikat li din inqabdet mingħajr raġuni. Skont l-appellant dan iqajjem dubju raġonevoli li l-Ewwel Qorti kien messha kkunsidrat favur tiegħu.

Illi fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni u ċioè dik dwar l-użu ħażin tal-pjanċa *trial run*, din il-Qorti tinnota li dan ġie sodisfaċentement ippruvat u f'dan ir-rigward din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għal dak li ngħad aktar 'il fuq u tapplikah għal dan l-aggravju.

Illi fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni u ċioè dik dwar il-pussess ta' vettura li ma ġietx reġistrata mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li għajr għal pjanċa *trial run* il-vettura ma kinitx liċenzjata. Dan jirriżulta mid-dokument li jinsab *a fol.* 36A, liema dokument juri li l-VRN barrani ma rriżultax fis-sistema. Il-fatt li uffiċjal tal-Awtorita' dwar it-Trasport ħareġ l-ittra mmarkata bħala Dok. "JC 2" (*a fol.* 39) ma jfissirx li l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata.

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tiċħad ukoll l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-<u>ħames aggravju</u> l-appellant jitlob mitigazzjoni tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Da parte tiegħu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-piena ma għandhiex tinbidel.

Illi fis-sentenza appellata, l-appellant weħel is-segwenti:

- multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2500);
- sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tnax-il xahar u tmint ijiem;
- disa' punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Illi wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponu l-liġijiet rilevanti fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġietx varjata minn din il-Qorti, din il-Qorti jidhrilha li ma għandhiex għalfejn tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti peress li hija skont il-liġi. B'hekk il-ħames aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jomic Calleja Maatouk u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**